MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015

Numru. 1154/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni Nru: 1154/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Omissis

Akkuzat talli fil-lejl ta' nhar l-14 u l-15 ta' Lulju, 2011 ghall-habta tas-01:00 ta' filghodu (01:00hrs), gewwa Triq ix-Xatt, Gzira, ikkommetta serq ta' oggetti minn fuq il-persuna ta' Marcus Spelge ta' nazzjonalita Germaniza, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux iktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centemzu (€2329, 37) u bil-hin u dan ghad-detriment ta' l-imsemmi Marcus Spelge u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli nhar il-15 ta' Lulju, 2011 u fix-xhur ta' wara din id-data, xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti.

Rat in-nota ta' l-Avukat Geberali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

- 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 17 u 31tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta’ dan il-kaz l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ta’ serq jew alternattivament ricettazzjoni ta’ oggetti appartenenti lil certu Marcus Spelge.

Illi nhar l-15 ta’ Lulju 2011 ghall-habta tas-1.00am l-imsemmi Marcus Spelge kien miexi fi Triq ix-Xatt Gzira meta ghada guvni fuq rota vicin tieghu u hataflu l-basket li kellu fuq spallejh; fost affarijiet ohra fil-basket kien hemm mobile phone ta’ tip Nokia. Spelge mar jaghmel rapport l-ghassa u l-pulizija bdew l-investigazzjoni taghhom; eventwalment il-mobile phone instab li kien fil-pussess ta’ l-imputat.

Illi mid-depozizzjoni u l-informazzjoni mghotija mir-rapprezentant tas-socjeta Go plc jirrizulta li n-numru tas-sim card uzata minn Spelge (li kellha numru 7994 0098) kienet abbinata ma’ mobile phone b’IMEI number 35194003562740; l-ahhar darba li intuza dan il-mobile phone b’dik is-sim card kien f’l-14 ta’ Lulju 2011 fil-ghaxija. Dak l-istess mobile phone beda jintuza b’sim card li kellha numru 7983 6460 fil-15 ta’ Luju 2011 fis-7.27pm; baqa’ jintuza b’dik is-sim card ghal xhur.

Illi mill-investigazzjoni kondotta mill-ufficjal prosekutur gie stabbilit li hafna mit-telefonati li kienu qed saru minn dak il-mobile, wara il-15 ta’ Lulju 2011, saru lill-membri tal-familja ta’ l-imputat. Fil-fatt il-mobile phone in eazmi (cioe dak li ghandu IMEI number 35194003562740 u li originarjament kien abinnat mas-sim card numru 7994 0098) gie mghoddi lill-pulizija minn hu l-imputat Francis.

Illi l-imputat gie arrestat u rrilaxxja zewg stqarrijiet; fit-tieni wahda l-imputat ghazel li ma jirrispondi ghall-ebda domanda pero f'l-ewwel stqarrija ammetta li dak il-mobile phone li huh Francis kien ghadda lill-pulizija kien xtrah hu (cioe l-imputat) minghand xi hadd li ma jafx minn kien ghal xi €70. Huwa ammetta li s-sim card bin-numru 7983 6460 kienet tieghu u li kien qed juzaha f'dak il-mobile phone.

Illi Marcus Spelge ma giex prodott bhala xhud. Dan m'ghandux ifisser necessarjament li hija nieqsa provi sufficjenti ta' serq tal-mobile phone in ezami u l-effetti personali l-ohra li kellu fil-basket fuq imsemmi.

Illi fis-sentenza mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs Janis Caruana[1] dik il-Qorti, fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar in-nuqqas tad-depozizzjoni tal-persuna li kienet ghamlet rapport lill-pulizija u dwar jekk l-okkorrenza wahedha hija biss hearsay evidence tal-fatt iddenunzjat, qalet hekk:

> *.....il-hearsay rule tagħna (f'l-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk: "Il-qorti tista',* ***skont iċ-ċirkostanzi****, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu;* ***inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed****, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra".*
>
> *Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 19881 qalet hekk: "Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-*

[1] Deciza 12 ta' Mejju 2012.

*sigriet professjonali fuq l-identita' ta' dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).*

*Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ "Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk ....: "However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case." Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni ta'l-artikolu 6.*

*Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).*

*Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta'*

*xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.*

*Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall- Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami l-okkorrenza esebieta in atti[2] u konfermata b'gurament mill-kuntistabbli li rceviet ir-rapport jista' jittiehed prova tal-fatt li nhar il-15 ta' Luju 2011 lil Marcus Spelge insteraqlu basket li fih kien hemm l-affarijiet elenakti f'l-istess okkorrenza, fosthom il-mobile phone li sussegwentement instab li kien fil-pussess ta' l-imputat.

Ikkunisdrat

Illi kif diga ntqal l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma dawk dwar serq tal-basket ta' Marcus Spelge bil-kontenut kollu tieghu u ricettazzjoni tal-mobile phone.

Illi pero ghalkemm gie stabbilit li l-mobile phone kien fil-pussess ta'l-imputat sieghat wara li sehhet is-serqa m'hemm l-ebda prova ohra li tista torbot lill-imputat mas-serq ddenunzjat minn Spelge lill-pulizija.

Illi l-istess pero ma jistax jinghad dwar ir-ricettazzjoni tal-mobile phone.

---

[2] Dok 6 a fol 34 tal-process.

Illi l-principji regolaturi in tema ta' ricettazzjoni huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Skond il-Qorti ta' l-Appell Kriminali[3]

*... ... sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':*

*1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;*

*2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima; w*

*3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim "Il-Pulizija vs. Bugelli" [24.1.1942]; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima" [25.10.2002])*

*L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. John Briguglio" [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-*

*"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

*Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett*

[3] Ref Il-Pulizija vs Darren Debono deciza 15 ta' Jannar 2009.

*setghet giet f' pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu w b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Briguglio" [24.6.1961]; "Il-Pulizija vs. John Dimech" [24.6.1961]; "Il-Pulizija vs. George Tabone" [24.6.1961] u "Il-Pulizija vs. Tancred Borg" [26.10.1998]).*

*S' intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo" [21.3.1953]; "Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb" [16.12.1998] u ohrajn)*

*Kif jghid il-KENNY:*

*"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. …when an unlikely vendor offers them for an unlikely price … His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously … or making no written entry of having bought them."*

*Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."[26.8.1998]); it-teorija Ingliza "of unlawful possession of recently stolen goods" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' "law of evidence" il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi*

*fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti. F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-*

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence,5th. ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other*

*available evidence." (ara ukoll f' dan is-sens :"Il-Pulizija vs. Carmel Debono" [1.11.1996], "Il-Pulizija vs Richard Spiteri" [31.8.2006] u ohrajn).*

Illi kif diga ntqal jirrizulta ampjament li sieghat wara li nsteraq, il-mobile phone ta' Spelge kien qieghed fil-pussess ta'l-imputat. L-imputat jghid li dak il-mobile xtrah minn fuq l-idejn bi prezz baxx hafna minghajr l-accessorji tieghu[4]. Fil-fehma tal-Qorti din il-verzjoni ta' l-imputat ma tistax titqies bhala spjega ta' kif dak il-mobile gie fil-pussess tieghu b'mod legittimu.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li t-tieni imputazzjoni giet pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi rilevat li fil-kors tas-sottomissjonijiet maghmula f'isem l-imputat l-abbli difensur tieghu ssolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi l-imputat qed jinstab hati ta' ricettazzjoni. Ai termini ta'l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 l-piena f'kaz ta' ricettazzjoni ta'oggett mehud b'serq ghandha tkun dik stabbilita ghas-serq ta' dak l-oggett skond il-valur.

Illi mill-provi prodotti il-valur tal-mobile phone jirrizulta biss minn dak Marcus Spelge lill-pulizija meta mar jaghmel ir-rapport; huwa qal li l-mobile phone jiswa tlett mitt Euro. L-ufficjal prosekutur meta kien qed jixhed qal li l-valur tal-mobile phone kien mitejn u hamsin Euro. Tenut kont ta' dawn id-diskrepanzi u tenut kont tal-fatt li ma ngiebet l-ebda jekk l-ammonti hawn indikati kienux il-

[4] B'mod partikolari minghajr ic-charger.

prezz li bih kien xtara l-mobile phone jew il-valur tieghu fil-gurnata li nsteraq[5], il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tqies dan bhala kaz ta’ ricettazzjoni ta’ oggett gej minn serq semplici.

Illi r-ricettazzjoni hija delitt; il-piena ghar-ricettazjoni li taghha qed jinstab hati l-imputat, cioe dik ta’ oggett gej minn serq semplici, hija prigunerija minn xahar sa sitt xhur. Ai termini ta’ l-artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta d-delitti suġġetti għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet jaqghu bi preskrizzjoni mad-dekors ta’ sentejn.

Illi l-fatti li fuqhom huma bazati l-imputazzjonijiet odjerni sehhew nhar il-15 ta’ Lulju 2011, l-imputat tressaq il-Qorti nhar 15 ta’ Ottubru 2011 ghalhekk ferm entro s-sentejn stabbiliti mill-Ligi; konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tigi akkolta.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra l-eta ta’ l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta’l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 37, 284 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssibu hati tat-tieni imputazzjoni u taghha tikkundannah xahrejn prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospiza ghal perjodu ta’ tmintax il-xahar. In oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur ta’ din

[5] Li allura ghandu jkun anqas mill-valur tieghu meta inxtara.

il-Qorti s-somma ta' €168.46 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta'l-esperti.

Il-Qorti spjegta lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------